Consumer Affairs Victoria

Karta tal-fatti: Assoċjazzjonijiet inkorporati

# Adattar għall-liġijiet ġodda

Fl-1 ta' Novembru 2012, l-Att tar-Riforma tal-Inkorporazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet tas-sena 2012 (Associations Incorporation Reform Act 2012) ser jieħu post l-Att dwar l-Inkorporazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet tas-sena 1981 (Associations Incorporation Act 1981). Dan l-Att il-ġdid jinkludi "arranġamenti tranżitorji" biex jgħinu assoċjazzjonijiet jaġġustaw għall-liġijiet il-ġodda. Dawn huma deskritti fil-qosor hawn taħt.

## Status tal-assoċjazzjoni inkorporata (Status of the incorporated association)

Kwalunkwe assoċjazzjoni nkorporata skont l-Att il-qadim tibqa' inkorporata skont l-Att il-ġdid. Id-data tal-inkorporazzjoni ma tkunx affettwata u ċ-ċertifikat tal-inkorporazzjoni jibqa' validu.

## Dikjarazzjoni tal-iskopijiet (Statement of purposes)

Hekk kif jibda l-Att il-ġdid, id-dikarazzjoni tal-iskopijiet tal-assoċjazzjoni ser tkun meqjusa awtomatikament li hija parti mir-regoli.

Assoċjazzjoni li qed tfittex li tinkorpora għall-ewwel darba wara l-bidu tal-Att il-ġdid, mhux ser ikollha iżjed timla formola separata 'tad-Dikjarazzjoni tal-iskopijiet', imma trid tniżżel l-iskopijiet tagħha fir-regoli proposti tagħha.

Jekk assoċjazzjoni tapplika għall-bidla fir-regoli tagħha wara l-bidu tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-iskopijiet tagħha jridu jiġu inklużi fir-regoli tagħha ġodda proposti.

## Regoli (Rules)

Skeda 1 tal-Att il-ġdid fih punti ġodda  li r-regoli tal-assoċjazzjoni jridu jindirizzaw. Dawn huma:

- l-isem u l-iskopijet tal-assoċjazzjoni
- id-drittijet u l-obbligi tal-membri
- proċeduri dwar ir-riżenja u t-tmiem tas-sħubija
- il-proċess tal-ħatra u tmiem tas-segretarju
- preparazzjoni u żamma tal-minuti tal-laqgħat ġenerali u tal-kumitat
- dispożizzjoni għall-memberi li jkollhom aċċess għall-minuti tal-laqgħat ġenerali, inklużi stejtments finanzjarji sottomessi fil-laqgħa ġenerali
- dritt għall-aċċess (jekk hemm kwalunkwe wieħed speċifikat fir-regoli) mill-membri għall-minuti tal-laqgħat tal-kumitat.

Kemm jekk l-assoċjazzjoni qed tuża ir-regoli tagħha jew regoli mudell , m'għandhiex għalfejn tgħaġġel biex tbiddilhom bir-regoli l-ġodda

Consumer Affairs Victoria

**Assoċjazzjonijiet li jużaw ir-regoli tagħhom (Associations using own rules)**

Jekk assoċjazzjoni tuża **r-regoli tagħha** (jiġifieri, mhux ir-regoli mudell), ir-regoli eżistenti jibqgħu validi sakemm jiġu mibdula. Hekk kif il-membri jiddeċiedu li jagħmlu kwalunkwe tibdil tar-regoli eżistenti, ir-regoli l-ġodda jridu jindirizzaw kull punti mitlub fl-Iskeda 1. Fil-frattemp, jekk hemm xi inkonsistenza bejn ir-regoli tal-assoċjazzjoni u l-Att il-ġdid, ir-rekwiżiti tal-Att il-ġdid japplikaw.

**Assoċjazzjonijiet li jużaw regoli mudell (Associations using model rules)**

Dawn l-assoċjazzjonijiet għandhom jirrevedu r-regoli tal-mudell il-ġdid biex jiddeterminaw jekk jgħoddux għall-iskopijiet tagħhom. Jekk l-assoċjazzjonijiet ma javżawx lil Consumer Affairs Victoria dwar ir-regoli tagħhom fi żmien **12-il xahar** minn meta jibdew il-liġijiet il-ġodda, ir-regoli kurrenti tagħhom ser jiġu mibdula awtomatikament bir-regoli mudell ġdid.

Jekk assoċjazzjoni tavża lil Consumer Affairs Victoria, hi tista':

- Taqleb għar-regoli mudell ġdid aktar kmieni
- Toħloq ir-regoli tagħha stess.

Mill-1 ta' Novembru 2012 'l quddiem, sib ir-regoli mudell ġdid f'consumer.vic.gov.au/forms.

Ir-regoli ta' assoċjazzjoni (kemm jekk huma r-regoli tagħha jew regoli mudell) jridu jindirizzaw il-punti kollha mitluba skont Skeda 1. Jekk ma jagħmlux dan, id-dispożizzjoni relevanti tar-regoli mudell ġdid li jindirizzaw dak il-punt huma meqjusa li huma nklużi fir-regoli.

Għal aktar tagħrif dwar kif tibdel ir-regoli, ara l-karta tal-fatti **regoli tal-Assoċjazzjoni (Association rules).**

## Is-segretarju ser jieħu post l-uffiċjal pubbliku (Public Officer replaced with secretary)

Skont l-Att il-ġdid, it-terminu ' segretarju' iddaħħal minflok it-terminu 'uffiċjali pubbliku'.

Kwalunkwe dokument awtentikat minn uffiċjal pubbliku skont l-Att il-qadim mhux ser ikun milqut.

Hekk kif jibdew ir-regoli l-ġodda, is-segretarju jista' jkompli kwalunkwe biċċa xogħol mibdija minn uffiċjal pubbliku. Consumer Affairs Victoria ser tassumi li dan hu l-istess persuna għajr jekk tkun informata mod ieħor.

Consumer Affairs Victoria

## Stejments finanzjarji (Financial Statements)

L-Att il-ġdid ser jintroduċi struttura ġdida tar-rappurtar ta' tliet livelli. Assoċjazzjoni ser tkun ikklassifikata bħala Livell Wieħed, Tnejn jew Tlieta, dejjem jiddependi mid-dħul tagħha. Pereżempju:

- Livell Wieħed: $0 - $250,000
- Livell Tnejn: $250,000 - $1,000,000
- Livell Tlieta: aktar minn $1,000,000

Din l-istruttura l-ġdida ser tintuża minflok l-istruttura qadima 'preskritta' u 'mhux preskritta'.

Assoċjazzjonijiet inkorporati jridu jifhmu l-istruttura l-ġdida u jaraw liema livell japplika għalihom, għax dan ser jolqot l-obbligazzzjonijiet tagħhom tar-rappurtaġġ. Żur consumer.vic.gov.au/associations għad-dettalji.

### Format ġdid għat-tfigħ ta' stejtments finanzjarji (New format for submitting financial statements)

Consumer Affairs Victoria ser tibgħat stejtment annwali f'format ġdid lill-assoċjazzjonijiet fejn id-data finali tas-sena finanzjarja tagħhom taħbat fil- jew wara l-1 ta' Novembru 2012.

Assoċjazzjonijiet li għandom data finali tas-sena finanzjarja qabel it-30 ta Ġunju 2013 għandhom l-għażla li jibgħatu l-istejtments annwali tagħhom f'dan il-format il-ġdid jew fil-format qadim 'preskritt/mhux preskritt'. Ara s-sezzjoni li jmiss għad-dettalji.

Is-segretarju (li qabel kien l-uffiċjali pubbliku) hu responsabbli għat-tfigħ tal-istejtment annwali mal-Consumer Affairs Victoria.

Minflok tibgħat il-formola tal-istejtment annwali xahar qabel id-data finali tas-sena finanzjarja tal-assoċjazzjoni, Consumer Affairs Victoria issa ser tibgħatha **xahar wara.** L-assoċjazzjoni ser tingħata **ħames xhur** mid-data finali tas-sena finanzjarja tagħha biex iżżomm il-laqgħa ġenerali annwali tagħha u tissottometti l-istejtment annwali.

Għal aktar tagħrif dwar kif tipprepara u tissottometti stejtment annwali, ara l-karta tal-fatti: **Ċiklu annwali u rapportaġġ finanzjarju.**

### Għażliet għas-sottomissjoni tal-istejments (Options for submitting statements)

Kwalunkwe assoċjazzjoni inkorporata skont l-Att antik tista' tagħżel li tipprepara u tissottemetti stejtments finanzjarji skont l-Att il-qadim, imma biss għad-dati finali tas-sena finanzjarja qabel it-30 ta' Ġunju 2013.

Pereżempju, assoċjazzjoni b'sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 tista' tagħżel li tissottometti l-istejments finanzjarji skont is-sistema tal-livell ġdid jew is-sistema antika 'preskritta/mhux preskritta'.

Assoċjazzjoni bid-data finali tas-sena finanzjarja fil- jew wara t-30 ta' Ġunju 2013 trid tissottometti l-istejtments finanzjarji tagħha skont is-sistema tal-livell il-ġdid.

Jekk assoċjazzjoni tissottometti l-istejtments finanzjarji tagħha permezz tal-użu tas-sistema 'preskritta/mhux preskritta', is-segretarju jrid jikkuntattja lil Consumer Affairs Victoria għall-formola tas-sottomissjoni, u jgħid jekk l-assoċjazzjoni hijiex ser tirrapporta bħala preskritta jew mhux preskritta għas-sena tar-rapportaġġ 2012-2013.

**Proċessi Kontinwi (Ongoing Processes)**

Jekk assoċjazzjoni għamlet kwalunkwe applikazzjoni skont l-Att il-qadim li ma ġietx iffinalizzati qabel il-bidu tal-Att il-ġdid, hija meqjusa li kienet saret skont il-provvedimenti korrispondenti tal-Att il-ġdid.

Consumer Affairs Victoria ser tkun tista' tipproċessa l-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet li ġew sottometti skont l-Att l-antik mingħajr il-bżonn ta' aktar tagħrif. Imma, aħna ser ngħarrfu lill-assoċjazzjoni jekk għandna bżonn aktar tagħrif.

Kwalunkwe riżoluzzjoni, ħatra jew avviż li sar skont l-Att il-qadim hu meqjus validu skont l-Att il-ġdid.

Kwalunkwe azzjoni meħuda minn Consumer Affairs Victoria skont l-Att il-qadim huma meqjusa li saru taħt l-Att il-ġdid.

## Trid aktar tagħrif? (Want more information?)

### Consumer Affairs Victoria

Consumer Affairs Victoria tirreġistra jew tirregola assoċjazzjonijiet inkorporati f'Victoria, u tamministra l-liġi tal-assoċjazzjonijiet inkorporati.

W: consumer.vic.gov.au/associations

T: 1300 55 81 81

### PilchConnect

PilchConnect hi organizzazzjoni indipendenti, mhux għall-profitt li tipprovdi servizzi legali speċjalizzati  u tagħrif lill-gruppi komunitarji.

W: pilchconnect.org.au

T: 03 8636 4400